MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru. 1191/2010

PULIZIJA
SPETTUR TREVOR CAMILLERI
VS
MASSIMO GALEA
CLINTON PAUL CARUANA
IMPUTAT MINURI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Massimo Galea, iben Joseph u Rosina nee' Isola, imwieled fl-14 ta'Gunju 1988, l-Pieta' u residenti Block A2, Flat 2, Triq il-Water, Ta Xbiex, u detentur tal-karta ta' l-identita 284388(M);

Kif ukoll Clinton Paul Caruana, iben Paul u Judy nee' Galea, imwieled fit-3 ta'Settembru 1992, l-Pieta u residenti

St. Rita Flats, Flat 2, Triq Edgar Bernard, Gzira , u detentur tal-karta ta’ l-identita 423192(M);

Kif ukoll imputat minuri, iben omissis, imwieled omissis, u residenti omissis u detentur tal-karta ta’ l-identita omissis;

Billi huma akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’Settembru 2010 ghal habta ta’ l-erbgha u nofs ta’filghodu (04:30a.m) fi Triq Dragunara, San Giljan u / jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-gisem ta’ Clyde Camilleri;

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’Adrian Webb;

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadu sehem attiv kontra Clyde Camilleri u Adrian Webb li garbu offiza;

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq il-persuni ta’ Clyde Camilleri u Adrian Webb;

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’Clyde Camilleri u Adrian Webb jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputati ghal rigward tal-ewwel akkuza limitatament ghal ferita ta' natura hafifa u tat-tieni u tal-hames akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputati kif fuq indikata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;
Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 2011 fejn l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tielet u r-raba' akkuza;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni , jirizulta b'mod ampju illi il-feriti illi garrab Adrian Webb kienu feriti ta' natura hafifa u l-Ispettur Luke Bonello ikkonferma fil-verbal ta' 17 t'Ottubru 2011 illi l-feriti fuq Clyde Camilleri kienu ukoll feriti ta'natura hafifa.

Illi ghal dawn il-mottivi , u fuq l-istess amissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati **Massimo Galea**, **Clinton Paul Caruana** u il-**Imputat minuri** hatja tal-ewwel akkuza limitatament ghal-ferita ta' natura hafifa, it-tieni u l-hames akkuza u wara li rat l-Artikoli 37, 221u 338 (dd), 383 , tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputati **Massimo Galea**, **Clinton Paul Caruana** u **Imputat minuri taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena (1),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat;

Illi ghal rigward tat-tielet u raba' akkuza in vista tal-verbal tal-Ispettur Trevor Micallef tat-2 ta'Novembru 2011, il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawrit.

In oltre il-Qorti tqieghed lill-imputati taht garanzija ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro (€232) ghal perjodu ta’sena, b’obbligu illi l-imputati ma jkellmux, ma javvicinawx u ma jimmolestawx lill Clyde Camilleri u lill Adrian Webb u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputati, l-eta govanili taghhom, b’mod specjali ghall-imputat Imputat minuri.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------